Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,826, 8 ta' Novembru, 2011
Taqsima B

A.L. 439 ta' l-2011

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti ta' l-2011 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għal Danni Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għal Danni Ambjentali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2008 dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għal Danni Ambjentali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 126 ta' l-2008.

Jemenda Skeda III li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-paragrafu 12 tal-Iskeda III li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(13) L-immaniġġar ta' l-iskart ta' estrazzjoni skond ir-Regolamenti tal-2009 dwar Maniġġar ta' Skart (Maniġġar ta' Skart mill-Industriji ta' Estrazzjoni u Rdim).

A.L. 22 tal-2009.

(14) L-operat ta' siti ta' ħżin skond ir-Regolamenti tal-2011 dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju.".

A.L. 346 tal-2011.